MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 329/2010

Kawza fil-lista: 29

**R W**
**vs**
**C W**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewwgu fl-24 ta' Mejju 1997, minn dan iz-zwieg twieldet tifla wahda; li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [a], [d], [f] u [h] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta; li ghalhekk iz-zwieg huwa null fil-ligi; ghalhekk qed titlob li din il-Qorti tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet, kif ukoll li tigi awtorizzata tirregistra s-sentenza fir-Registru Pubbliku; bl-ispejjez;

Rat il-verbal ta’ l-udjenza tat-13 t’Ottubru 2011 li permezz tieghu l-konvenut, ghalkemm kontumaci, iddikjara li hu jaqbel mat-talbiet attrici izda kkontesta l-ispejjez;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

**Ikkunsidrat;**

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fl-24 ta’ Mejju 1997 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati.

**Il-Fatti**

Il-Qorti semghet lill-attrici tiddeponi.

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fl-24 ta’ Mejju 1997 meta allura l-attrici kellha 25 sena u l-konvenut kellu 30 sena, u wara li kienu ilhom johrogu flimkien circa 12-il sena. Minn dan iz-zwieg twieldet tifla wahda.

L-attrici tghid li kellha tfulija difficli fejn meta kienet zghira hafna missiehra kien harab biha mill-Ingilterra u qatt ma kienet taf lill-ommha, li dejjem qalula li kienet mejta. Kien biss wara hafna snin u meta kienet adulta li saret taf b’kollox u ltaqet m’ommha. L-attrici tiddeskrivi t-trobbija taghha, b’missierha dejjem imsiefer peress li kien jahdem il-Libja u n-nanna paterna li rabitha hi pero li kienet stretta hafna maghha.

L-attrici tghid li ltaqghet mal-konvenut meta kien ghad kellha biss 15-il sena, kien l-ewwel gharus taghha u qatt ma kienet harget ma hadd qablu. Wara madwar gimgha li kienu ltaqu, n-nanna qalet lill-missierha, u dan kellem lill-konvenut u dahhlu d-dar. Ghalhekk l-attrici hassitha sfurzata f’din l-gherusija u hasset li ma kellhiex triq ohra hlief li tizzewgu specjalment biex titlaq minn dar u takkwista xi ftit liberta`.

Illi l-hajja mizzewwga ma kienet xejn felici, l-attrici tqis li hadd mill-partijiet ma kellhom imhabba lejn xulxin. Il-konvenut kellu problemi ta' xorb u kien abbuziv verbalment fil-konfont taghha, kien jghir ghira esagerata li sahhansitra bil-kemm kien ihallliha tmur postijiet jekk mhux mieghu. Il-hajja intima taghhom kienet ukoll ikkaratterizzata minn egoismu kbir da parti tal-konvenut li kien biss ifittex lil martu ghal bzonnijiet tieghu u wara jwarraba, tant li l-attrici stqarret li "*anki jekk kien ikollna x'naqsmu flimkien il-qatgha tieghi*"[1].

Din ir-relazzjoni ntemmet meta l-konvenut, fl-2008 kecca lill-attrici 'l barra mid-dar; u sussegwentement il-partijiet otjenew is-separazzjoni fl-2009.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi f' dan il-kaz il-Qorti tirravviza fil-konfront tal-konvenut l-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat, stante li l-konvenut kien inkapaci jghix ma' l-attrici, allura martu, f'unjoni bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku. L-egojizmu qawwi tieghu kien ta' ostakolu serju sabiex dawn il-konjugi jizviluppaw komunjoni ta' hajja u ta' mhabba.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt, u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fl-24 ta' Mejju 1997.

L-ispejjez ikunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[1] Fol. 27 tal-process.